# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 146/2021 RM**

**No Deposit Cars Malta Limited (C 85780)**

**-Vs-**

**Ina Gherghel (ID 68170A) u**
**Cosmin Paul Gherghel (ID 68171A)**

**Illum, 1 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Ġunju 2021 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' tlettax il elf, mitejn u sittin ewro (€13,260) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, liema ammont hu rappreżentanti l-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura Kia Rio bin-numru ta' reġistrazzjoni ACO312, liema vettura ġiet akkwistata minnu permezz ta' kuntratt ta' "hire purchase" datat tmienja (8) ta' Mejju, elfejn u dsatax (hawn anness).

Bl-ispejjeż kontra l-kunvenuti inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru /21 u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta pprezentata mill-konvenuti fil-21 ta' Ġunju 2021 fejn ġie eċċepit is-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari qed jiġi rilevat illi l-kunjom tal-esponenti Cosmin Paul huwa dak ta' 'Gherghel' u mhux 'Ghergel' kif erronjament indikat fir-rikors promotur ;

2. Illi ukoll in linea preliminari jiġi rilevat illi fil-preżent għaddejjin proċeduri quddiem l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rikors Nru. 434/2021 NC, vide 'Dok. A') li nbdew mill-esponenti kontra s-soċjeta' attriċi għar-rexxissjoni tal-istess kuntratt ta' "hire purchase" datat it-8 ta' Mejju 2019. Illi l-eżitu tal-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sejjer indubbjament jinċidi fuq il-proċeduri odjerni u għalhekk ikun opportun illi dawn il-proċeduri jiġu sospiċi sakemm il-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tiġi deċiża;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jiċħdu bl-iktar mod kategoriku u fl-intier tagħhom l-allegazzjonijiet vantati mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tagħhom bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u t-talba tas-soċjeta' rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha għar-raġunijiet segwenti :

4. Illi kif ġej ippruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, is-soċjeta' attriċi ingannat, qarrqet u adoperat aġir frawdolenti kontra l-esponenti sabiex induċiedthom jiffirmaw l-imsemmi ftehim ta' "hire purchase" datat it-8 ta' Mejju 2019. Illi g]alhekk Fraus Omnia Corrumpit;

5. Illi fir-rigward tal-vettura de quo agitur, hekk kif l-esponenti ħadu pussess tagħha huma ntebħu illi din kellha diversi nuqqasijiet serji ħafna tant illi lanqas kienet sigura illi tinstaq fit-triq u sussegwentement irritornawa lura lis-soċjeta' attriċi, liema vettura s-soċjeta' aċċettata lura u żammita għandha ;

6. Illi anki kieku stess *ex gratia argomenti* biss, is-soċjeta' attriċi ma ingannatx l-esponenti, tali azzjoni qatt ma tista' tirnexxi peress illi skond l-istess ftehim ta' "hire purchase" datat it-8 ta' Mejju 2019 fin-nuqqas ta' xi pagament, il-ftehim jiġi terminat *ipso jure* u l-vettura jkollha terġa tiġi ritornata lis-sid ossia s-soċjeta' attriċi u kwalsijasi pagament li jkun gia sar jitqies bħala prezz għall-kiri tal-istess vettura (vide inter alia klawsoli 7(2) u (3) tal-ftehim);

7. Illi kif ġej muri waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, s-soċjeta' attriċi qeda tinqeda b'dawn il-proċeduri ġudizzjarji flimkien ma diversi proċeduri oħra sabiex tivvessa u tintimida lil esponenti u tittenta tagħmel gwadann inġust u tarrikixxi ruġha indebitament a skapitu tal-esponenti li da parti tagħhom dejjem aġixxew in buona fede ;

8. Illi tant kemm dan huwa minnu, illi s-soċjeta' attriċi preżentement bdiet proċeduri oħra quddiem il-Qorti tal-Magistrati – Malta (referenza tal-każ numru : 123/2020 MF) sabiex tinforza kambjali emanenti mill-istess ftehim u li jkopru l-istess flejjes li qiegħdin jintalbu ukoll fil-kawża odjerna. Illi l-istess ħlas qed jintalab addirittura darbtejn f'żewġ proċeduri separati. Illi dan juri kemm is-soċjeta' attriċi qed taġixxi in mala fede bl-intenzjoni li tagħmel qliegħ li bl-ebda mod ma hu dovut lilha ;

9. Illi di piu' bħala parti mil-pjan akkurat tas-soċjeta' attriċi sabiex tkompli tivvessa u timtimida lil esponenti, waqt illi kienet pjenement konsapevoli illi l-ftehim ta' bejniethom qed jiġi kkontestat, hi xorta proċediet biex tiġġira kambjali lis-soċjeta' 'Princess Holdings Limited' (C 72528) li hi kkontrollata mill-istess diriċenti u/jew azzjonist tas-soċjeta' attriċ, konċernanti l-istess flejjes li qed jintalbu ukoll fil-kawża odjerna. Referenza ssir għall-proċeduri li qed jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) referenza tal-każ numru : 159/2021 MF ;

10. Illi għalhekk l-ebda ammont ma hu dovut mill-esponenti, anzi hija s-soċjeta' attriċi li hi debitriċi tal-esponenti ;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permissibli mil-liġi ;

Bl-ispejjeż.

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021 fejn ordnat il-korrezzjoni fir-Rikors promotur tal-kunjom tal-konvenut Cosmin Paul Gherghel;

Ordnat fl-istess seduta tat-12 ta' Lulju 2021 illi qabel xejn jitressqu l-provi tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti fir-Risposta tagħhom;

Semgħet il-provi tal-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fir-rigward tal-istess eċċezzjoni, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti bit-talba tagħhom għas-sospensjoni tal-proċeduri;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti talbu illi l-Qorti tieqaf milli tkompli tisma' din il-kawża sakemm tiġi deċiża l-kawza intavolata mill-istess konvenuti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rikors Numru 434/2021. Huma jargumentaw illi dan il-waqfien huwa meħtieġ għaliex l-eżitu tal-kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla « *sejjer indubbjament jinċidi fuq il-proċeduri odjerni* ».

Dan għaliex huma jikkontendu illi l-mertu tal-kawża minnhom intavolata jittratta proprju n-nullita' tal-iskrittura privata konkluża bejn il-partijiet kontendenti, liema skrittura s-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited qiegħda teżegwixxi fil-proċediment odjern.

Da parti taghha s-socjeta` attrici topponi għat-talba għas-soprasessjoni stante illi mil-lat proċedurali, l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni m'hijiex kontemplata fil-liġi u f'kull

każ, ma jeżistux l-estremi jew xi ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jwasslu lill-Qorti f'din il-kawża, tuża xi setgħa diskrezzjonali li jista' jkollha biex tapplika r-rimedju straordinarju tal-waqfien tal-proċeduri quddiemha.

Ikkunsidrat;

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2015[1], intqal hekk in propositu ta' talba għal soprasessjoni:-

"*... huwa accettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.*"

Illi huwa minħabba f'hekk li fl-ordinament ġuridiku taghna, is-soprasessjoni titqies bhala provvediment - ta' natura interlokutorju - li tagħħti l-Qorti fid-diskrezzjoni tagġħa jekk tintwera raġuni tajba biex tilqa' t-talba għal soprasessjoni.

In propositu, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr Christopher Cilia nomine et**[2], qalet hekk:-

[1] **Doris Catania et vs Evelyn Farrugia et**.

[2] Deciza 11 ta' Dicembru 2003.

"*Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu ta` bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf P.A. 12.4.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Azzopardi et vs Critien pro et*** *(Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet* ***Grima et vs Frendo et*** *(Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393)".*[3]

Il-Qorti tqis illi għall-każ odjern huwa relevanti dak li kellha xi tgħid l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Integrated Capabilities (Malta) Limited et vs Crowd Shout Holdings Limited et**[4]**: -**

"*Fl-isfond ta` dawn id-disposizzjonijiet appena citati, fil-provvediment li tat fit-3 ta` April 2014 fil-kawza "***Sylvana Tanti vs Noel Tanti et***" din il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "***Cassar vs Xuereb***" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita` ... Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza* ***"Degaetano vs Galea et noe"****, il-Qorti tal-Appell qalet hekk : "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza"... Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li ssoprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "***Cuschieri vs Onor Prim` Ministru"*** *– 12 ta` Awissu 1994). Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti."*[5] [enfasi ta' din il-Qorti]

[3] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

[4] Deciza 31 ta' Ottubru 2016.

[5] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat il-kopja legali tar-Rikors Ġuramentat bin-Numru 434/21 fl-ismijiet **Cosmin Paul Gherghel u Ina Ghergel vs. No Deposit Cars Malta Limited**, esebit fl-atti. Tibda biex tosserva illi din il-kawża ġiet intavolata mill-konvenuti odjerni fil-5 ta' Mejju 2021 u għalhekk qabel ġew effettivament istitwiti l-proċeduri odjerni mis-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited permezz tar-Rikors promotur li ġie ppreżentat fl-1 ta' Ġunju 2021. Jirriżulta wkoll illi fl-azzjoni esperita minnhom il-konvenuti, hemmhekk atturi, qegħdin jitlobu dikjarazzjoni ta' nullita' u r-rexxissjoni tal-ftehim ta' *hire purchase* konkluż bejn il-partijiet li bis-saħħa tiegħu huma akkwistaw mingħand is-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBO-423. It-talbiet tagħħom jidher li huma msejsa fuq allegazzjoni li l-kunsens tagħhom fuq dak il-ftehim kien ivvizzjat għaliex ingħata b'effett ta' qerq u inganni da parti tas-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited.

Da parti tagħha, is-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited fil-kawża odjerna qiegħda teżegwixxi l-obbligu tal-ħlas tal-prezz tat-trasferiment tal-imsemmija vettura lill-konvenuti odjerni: obbligu li huwa naxxenti mill-istess ftehim li qed jiġi impunjat fil-proċeduri ġia' istitwiti mill-konvenuti odjerni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-fondament guridiku tal-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti hija, għalhekk, proprju l-allegat nuqqas ta' adempjenza tal-konvenuti odjerni fl-obbligi kuntrattwali tagħhom naxxenti mill-kuntratt li qed jiġi impunjat fil-kawża istitwita minnhom. Dan ifisser illi għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza ċioe' jekk il-konvenuti humiex inadempjenti jew le fl-obbligi kuntrattwali tagħhom naxxenti mill-iskrittura privata mertu ta' din il-kawża, huwa vitali l-eżitu tal-kawża ġia' istitwita preċedentement mill-konvenuti għall-impunjazzjoni u rexxissjoni tal-istess skrittura privata.

B'applikazzjoni għall-fattispeċje ta' dan il-każ, tal-insenjament in materja fuq ċitat, huwa evidenti illi jeżisti mhux biss il-potenzjalita` ta' dipendenza iżda tabilħaqq element qawwi ta' dipendenza bejn iż-żewġ kawżi, u dan billi l-eżitu tal-kawża

istitwita mill-konvenuti ser ikollu impatt inevitabbli u fondamentali fuq id-determinazzjoni ta’ din il-kawza ċioe` jekk il-konvenuti għandhomx jiġu kkundannati jwettqu l-obbligu tal-ħlas tal-prezz bilanċjali tat-trasferiment tal-vettura, jew le.

Miżmum ferm dak premess, il-Qorti tqis illi għalkemm il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bhala pass mhux ordinarju għaliex jissospendi s-smigħ ta’ kawza meta n-norma hija, kif inghad, li kawża li tinbeda għandha tinstema’ sa ma tinqata’, f’dan il-każ iż-żewġ kawżi huma inter-dipendenti kif fuq imfisser u jikkonkorru l-elementi kollha sabiex tigi akkolta talba sabiex is-smigħ ta’ din il-kawża titwaqqaf pendenti l-eżitu tal-kawża l-oħra, anke sabiex tkun evitata l-possibbilita` ta’ ezitu konfliġġenti.

Għandu jingħad ukoll illi kuntrarjament għal dak li ġie sottomess waqt it-trattazzjoni mill-abbli difensur tas-soċjeta’ attriċi fil-kawża tal-lum, l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* m’hijiex f’lokha fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ għaliex iż-żewġ kawzi m’humiex fuq l-istess oġġett : filwaqt li din il-kawża hija dwar ħlas tal-bilanċ ta’ prezz abbażi ta’ skrittura privata ta’ *hire purchase* konkluża fit-8 ta’ Mejju 2019, l-oħra hija dwar in-nullita’ u l-konsegwenti rexxissjoni tal-istess skrittura privata. B’żieda ma’ dan, lanqas jistgħu isibu riskontru id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 793 tal-Kap 12 stante illi għalkemm hemm konnessjoni evidenti bejn is-suġġett taż-żewġ kawżi u huwa wkoll ovvju li d-deċiżjoni tal-kawża l-oħra tista’ tolqot id-deċiżjoni f’din il-kawża, iż-żewġ kawżi ma ġewx imressqin quddiem qorti waħda iżda quddiem żewġ qrati b’kompetenza differenti u għaldaqstant, iż-żewġ kawżi ma jistgħux jiġu mismugħin flimkien.

Ghaldaqstant, applikat l-insenjament fuq rapportat ghall-fatti ta’ dan il-kaz, u miżmum ferm il-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, il-Qorti hija tal-fehma li l-proceduri odjerni ma għandhomx ikomplu jinstemgħu waqt li tkun għadha pendenti l-kawża intavolata anterjorment mill-konvenuti odjerni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, liema kawża tittratta l-effikaċja legali tal-kuntratt li jifforma l-oġġett taż-żewġ kawżi. Hija għalhekk konvinta illi għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha biex tiġi ordnata s-

soprasessjoni ta' din il-kawza u dan anke fl-interess tal-aħjar ammistrazzjoni tal-gustizzja li jesiġi li jiġi evitat li jkun hemm eżitu differenti u kwindi konflitt fiż-żewġ ġudizzji.

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti fir-Risposta tagħhom tal-21 ta' Ġunju 2021 u tordna l-waqfien tal-proċeduri odjerni pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Rikors Guramentat Numru 434/2021NC fl-ismijiet Cosmin Paul Gherghel u Ina Gherghel vs. No Deposit Cars Malta Limited.**

**Konsegwentement, qiegħda tiddifferixxi l-kawża odjerna *sine die* b'dan illi ż-żmien imsemmi fl-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12 jibda jgħaddi mid-data meta l-imsemmija proċeduri jkunu deċiżi definittivament.**

**L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**